



Brussell, 7 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15006/22
ADD 2

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0422(COD)**

COPEN 409
DROIPEN 155
ENV 1209
JAI 1558
CODEC 1841

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.	ST 14734/22, WK 16106/22 REV 1
Nru dok. Cion:	ST 14459/21 + COR 1 + ADD 1 + ADD 2 COR 1 + ADD 3
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali - Approċċ ġenerali - Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Estonjana

L-Estonja tippreżenta d-dikjarazzjoni li ġejja għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill li fiha ser jiġi kkunsidrat l-abbozz ta' Direttiva:

"L-Estonja tappoġġa bis-sħiħ l-oġġettivi tal-proposta għad-Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali u li tissostitwixxi d-Direttiva 2008/99/KE.

L-Estonja tista' taċċetta l-approċċ ġenerali bħala compromess, iżda nixtiequ nsemmgħu t-tħassib tagħna dwar l-evoluzzjoni tad-dritt kriminali tal-Unjoni Ewropea. Kull proposta ġdida fil-qasam tad-dritt kriminali tintroduċi elementi addizzjonali li inevitabbilment ser isiru standard għall-istrumenti futuri tal-Unjoni Ewropea. Għalkemm dawn ir-rekwiżiti huma formalment limitati għal oqsma speċifiċi tal-kriminalità, l-Istati Membri għandhom jiggarrantixxu wkoll li d-dritt kriminali tagħhom tiffurma unità koerenti. Dan ifisser li t-traspożizzjoni ta' tali regoli spiss twassal għal bidliet li jaffettwaw is-sistema tal-ġustizzja kriminali kollha ta' Stat Membru.

Il-paragrafu 1 tal-Artikolu 83 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jippermetti l-istabbiliment ta' regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet. Il-paragrafu 3 tal-Artikolu 83 u l-paragrafu 1 tal-Artikolu 67 jenfasizzaw l-importanza tas-salvagwardja tat-tradizzjonijiet legali u l-aspetti fundamentali tas-sistemi tal-ġustizzja kriminali nazzjonali. Qed isir dejjem aktar dubjuż jekk xi wħud minn dawn ir-regoli ġodda speċifiċi li qed jiġu kkontemplati b'Direttivi ġodda, humiex tabilħaqq ir-rekwiżiti minimi kif previsti fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 83 TFUE jew imorrux lil hinn mill-minimu meħtieġ. L-Estonja tiddubita jekk l-armonizzazzjoni tal-pieni għall-persuni fiżiċi fl-Artikolu 5 meta r-reat jitwettaq b'negliġenza serja, l-armonizzazzjoni tas-sanzjonijiet għall-persuni ġuridiċi fl-Artikolu 7 u l-armonizzazzjoni tal-perjodi ta' preskrizzjoni fl-Artikolu 11 jibqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' armonizzazzjoni minima. Għalhekk nixtiequ nappellaw lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jiżguraw li l-armonizzazzjoni tad-dritt kriminali tkun tabilħaqq armonizzazzjoni minima."
